**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-22 ta' April 2024

**Avviż Numru: 271/2023**

**Ismael Micallef**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 153797M

**vs.**

**Anthony Spiteri**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 162660M

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-intimat tad-29 ta' Jannar 2024 fejn huwa qiegħed jitlob il-waqfien ta' dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż b'mod definit il-mertu tar-rikors ġuramentat fl-ismijiet inversi u nnumerat 1382/2023, quddiem l-Imħallef Doreen Clarke, f'liema proċeduri l-intimat odjern qiegħed jitlob riżarċiment ta' danni allegatament subiti minnu b'rabta mal-istess fatti miġjuba quddiem din il-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar din it-talba[1].

[1] Fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Marzu 2024;

Rat id-dokument esebit fil-mori tad-differiment u cioe ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-intimat odjern fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, flimkien mad-dokumenti hemmhekk annessi. Minnu jirriżulta li kontestwalment mar-risposta tiegħu fl-atti ta' dan il-proċediment, ippreżentata nhar is-6 ta' Diċembru 2023[2], l-intimat odjern ippreżenta rikors ġuramentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Difatti, fir-risposta tiegħu f'dawna l-atti, l-intimat eċċepixxa:

> *"2. Illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti lill-attur billi x-xogħolijiet magħmula mill-attur saru b'mod ħażin, uża materjal mhux idoneju u ma sarux skont is-sengħa u l-arti;*
> *F'dan ir-rigward, kontestwalment qiegħda tiġi ppreżentata kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi d-danni ikkaġonati mill-attur lill-esponenti bħala konsegwenza ta' tali xogħolijiet jeċċedu l-kompetenza rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti;"*

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tema legali tas-soprasessjoni, il-ġurisprudenza tagħna hija kemm kopjuża kif ukoll kostanti. Il-prinċipji ġenerali huma dawn:

1. Is-soprasessjoni hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema' sakemm tiġi maqtugħa u kemm jista' jkun malajr possibbli[3], u għalhekk filwaqt li tista' tingħata b'mod eċċezzjonali, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.[4]

2. L-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.[5]

3. Il-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.[6]

---

[2] Fol. 8;
[3] Artikolu 195(1) tal-KOPĊ Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
[4] Mifsud noe. vs. Abela et., Appell Ċivili, 28/10/1935; (Kollez. Vol. XXIX.i.1295);
[5] John Debono et. vs. Mario Buhagiar et., Prim'Awla, 21/01/2016;
[6] German et. vs. Scicluna et., Appell Ċivili, 23/06/1869 (Kollez, Vol. V.157);

4. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[7] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tagħtu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

5. It-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda, huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu ta' bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf; [8]

6. Il-Qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien[9];

7. Hi ġurisprudenza sekolari li s-soprasessjoni hi ammessa u għandha tiġi dekretata meta din tkun spedjenti.[10] Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawża pendenti quddiem Qorti oħra, hija tali li d-deċiżjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni preżenti.[11]

Din il-Qorti tqis illi l-mertu tar-rikors ġuramentat innumerat 1382/2023 huwa identiku għall-mertu ta' din il-kawża u dana fis-sens illi l-attur f'din il-kawża qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ dovut lilu wara appalt illi huwa wettaq fuq inkarigu tal-intimat, għal-liema talba l-intimat jikkontendi li x-xogħol ma sarx sew u li kawża ta' dan huwa sofra danni; Għaldaqstant huwa ressaq il-pretensjonijiet tiegħu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, iż-żewġ kawżi tant huma marbuta illi kieku t-talba tal-intimat ma kinitx tesorbita l-kompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti, il-pretensjonijiet tiegħu setgħu ġew imressqa permezz ta' kontro-talba.

Din il-Qorti kwindi tqis illi jeżistu l-elementi neċessarji elenkati fit-tagħlim ġuridiku appena ċċitat, sabiex tagħmel eċċezzjoni u twaqqaf is-smigħ ta' dawn il-proċeduri. Tqis illi jkun opportun u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li tintlaqa' t-talba tal-intimat għas-soprasessjoni ta` din il-kawża kemm sabiex ma jinħeliex ħin fis-smigħ ta' xhieda li ċertament ser ikunu identiċi fiż-żewġ kawżi, kieku kellhom jibqgħu għaddejjin flimkien, u wkoll għall-ekonomija tal-ġudizzju in vista li l-Prim'Awla ser tiddieċiedi punti li jimpinġu direttament fuq l-eżitu ta' din il-kawża. Tqis illi jkun għaqli li din il-Qorti twaqqaf il-proċeduri sakemm jiġu

---

[7] Mallia et. vs. Bezzina et, Appell Ċivili, 22/5/1989 (Kollez. Vol: LXXIII.ii.338);

[8] Azzopardi et. vs. Critien pro. et., Prim'Awla, 12/4/1962, (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u Grima et. vs. Frendo et., Appell Ċivili 6/1/1999 (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393);

[9] Amber Properties Ltd. vs. Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et., Prim'Awla, Rikors Ġuramentat: 54/2011JZM, 25/3/2013;

[10] George Cassar vs. Francis Xuereb, Appell Civili, 12 ta' Marzu 1973;

[11] Francesco Galea vs. Pawlu Galea, Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955;

deċiżi dawk illi qegħdin jinstemgħu mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u cioe dawk indikati bin-numru 1382/2023 fl-ismijiet inversi li qegħdin jinstemgħu mill-Imħallef Dr. Doreen Clarke.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tilqa' t-talba magħmula mill-intimat għas-soprasessjoni tal-kawża preżenti sakemm tiġi definita b'mod irrevokabbli l-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Anthony sive Anton Spiteri vs. Ismael Micallef (Rikors Ġuramentat Numru 1382/2023DC).

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Firmata:** **Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur